MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 566/2005

**Thomas Smith Insurance Agency kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Pace bil-polza u bil-ligi u l-istess John Pace**
**Vs**
**Marco Vassallo**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Novembru 2005 fejn talbet lil Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar l-erbgha (4) ta’ Novembru 2003 fil-ByPass tal-Mellieha (Triq Lewis Wettinger) bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAE 418, misjuqa minnu l-vettura tal-marka Toyota 306 bin-numru ta’ registrazzjoni RIT 090, proprjeta ta’ John Pace u li kienet qed tinsaq minn Jason Tonna assikurata mas-socjeta, fejn korrew b’mod gravi, kemm il-konvenut kif ukoll Jason Tonna, liema ncident sehh unikament minhabba mperizja, negligenza u traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut, kif ukoll nuqqas t’osservanza tat-traffiku, senjatament ghal fatt li huwa kien qieghed isuq b’velocita eccessiva u ma kellux il-kontroll tal-vettura tieghu, tikkundannah ihallas l-

ammont totali ta' tlett elet mitejn u hmistax il-lira maltin (LM3,215) rapprezentanti danni kagunati minnu lilhom per konsegwenza ta' dan l-incident, li minnhom tlett elef mija u hamsa u sittin lira maltin (LM3,165) huma dovuti lis-socjeta assikuratrici Thomas Smith Insurance Agency, filwaqt li l-kumplament, u cioe hamsin lira maltin (LM50), huma dovuti lill-assikurat John Pace.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu, inkluzi dawk tal-Ittra Interpellatorja t'Ottubru 2004, tal-Ittra Ufficcjali spedita f'Ottubru 2005, kif ukoll ta' dik pprezentata kontestwalment ma dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tieghu u bl-ingunzjoni li ghaliha min issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Beppe Fenech Adami nomine fejn eccepixxa s-segwenti:-

Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba huwa jigi edott mill-fatti.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet proprjeta ta' missieru Henry Vassallo u kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti taħt polza tal-assikurazzjoni tat-tip third party only u kienet tkopri lill-imsemmi Henry Vassallo u sewwieqa minnu awtorizzati tal-eta ta' hamsa w ghoxrin (25) sena jew aktar.*

*Illi fil-gurnata tal-incident, il-konvenut Marco Vassallo kellu l-eta ta' erbgha w ghoxrin sena (24) u kwindi ma kienx kopert taħt il-polza assikurattiva fuq imsemmija.*

*Illi l-artikolu 10(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu fuq is-socjeta esponenti, li ladarba tkun innotifikata b'att gudzzjarju, ghandha dmir fis-sens illi:-*
*"…ghad illi l-assikuratur ikun jista jannulla jew ihassar… huwa ghandu… jhallas lill-persuni li favur taghhom tkun*

*inghatat is-sentenza kull somma flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilita fuq imsemmija kompriz li jmiss jithallas ghal spejjez u ghal imghaxijiet fuq dik is-somma…"*

*Illi 'n oltre jidher prima facie li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista titqajjem minn kull kreditur jew persuna ohra li ghandha l-interess li jinqdew bil-preskrizzjoni.*

*Illi kwindi, s-socjeta esponenti ghandha interess car u evidenti fl-ezitu tal-kawza odjerna u dana sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha stess."*

Konsegwentement talab "*ghar-ragunijiet fuq esposti u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess esponenti kontra l-partijiet f'dina l-kawza inkluz l-assikurat taghha Henry Vassalo titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta GasanMamo Insurance Limited sabiex tintervjeni fil-kawza odjerna in statu et terminis u li tipprezenta dawk l-eccezzjonijiet kollha permessi bil-ligi u dan filwaqt illi tordna kwalunkwe provediment iehor ili jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."*
Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn ordnat in-notifika lill-kontendenti bi zmien erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat illi fis-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2006 il-kontendenti rrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti u f'dik l-istess seduta l-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti.

Rat illi Dottor Beppe Fenech Adami ghall-konvenut ecepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-attur li biha ppresenta l-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet 'Thomas Smith Insurance Agency Ltd noe et vs Marco Vassallo' datata wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2005, flimkien mar-riferti relattivi.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta attrici pprezentata fl-atti fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Jannar 2007.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Vassallo** deciza nhar sitta w ghoxrin (26) ta' Frar 2004 (fol. 36).
Ikkunsidrat:-

Illi kif tajjeb irrileva l-avukat tal-attur fil-kawza **Isabelle Borg et vs Robert Galea et** deciza fid-dsatax (19) t' Ottubru 2007 Prim'Awla (Imh. Tonio Mallia):

"*Jista` jkun li, minhabba diversi cirkostanzi, l-awtorita` kompetenti ma tkunx tista` tiehu proceduri kriminali 'n konnessjoni biex jigi determinat jekk agir jikkostitwixxix reat jew le, mhux mehtieg li jkunu ttiehdu proceduri kriminali fil-kuntest ta` dak l-agir, u lanqas li l-kontro-parti tkun passibbli ghall-procedura ma` dak l-agir, jew li l-proceduri ma jkunux jistghu jittiehdu kontra l-kontro-parti, pero`, l-agir xorta wahda jitqies reat, kopert, ghall-fini tal-preskrizzjoni, bl-artikolu 2154"*.

Kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Tabone vs Zammit**" deciza mill Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sittax (16) t'Ottubru, 1971 fejn inqal li:-

"*Il-Qorti rriteniet li fil-kaz ta' danni sofferti b'konsegwenza t'incident stradali li fiha l-attur allegatament sofra debilita permanenti, l-preskrizzjoni applikabbli, hija dik kontemplata fl-artikolu 2154*" (vide ukoll **Joseph Zammit vs Joseph Bonello et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja (8) t'Ottubru 2004). Il-fatt li ttiehdu proceduri kriminali m'huwiex rilevanti biex tiddetermina japplikax l-Artikolu 2154 jew 2153.

**L-Art. 2154** jipprovdi:-

*"Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali".*

Il-bazi tal-azzjoni tal-attur tidher li tikkwalifika bhala azzjoni civili ghall-hlas ta' hsarat kagunati b'reat, in kwantu qieghed jippretendi danni li sofra minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut fis-sewqan.

In principju ghalhekk, jidher li l-attur ghandu bazi fl-argument li ghal finijiet ta' preskrizzjoni tapplika l-Artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Pero' l-Qorti tirrileva li dwar zmien ghall-preskrizzjoni dan kollu jiddependi mill-piena applikabbli f'kaz li wiehed kellu jinstab hati ghal reat simili.
Kif inhu ben maghruf il-ligi taghmel distinzjoni bejn il-kaz ta' mewt, offiza gravi fuq il-persuna b'konsegwenzi li ssemmi l-ligi, jew offiza gravi minghajr konsegwenzi, u f'kull kaz iehor (fejn f’'dan l-ahhar kaz il-piena preskrivibbli hija dik ta’ tlett xhur).

Fil-kaz in dezamina jirizulta li l-konvenut kien tressaq il-Qorti talli f’Novembru 2003 ghall-habta ta’ bejn l-12.00 u 12.30 waqt li kien qed isuq karozza bin-numru ta’ registrazzjoni DAE-418 tal-ghamla Toyota MR2 matul il-ByPass tal-Mellieha, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl’arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma karozza bin-numru ta’ registrazjoni RIT 080 tal-ghamla Peugeot 206 w ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jason Tonna u dan billi gablu sfregju gravi u permanenti f’wahda mill-idejn u dan skond ma ddikjara it-Tabib A. Drago tal-isptar San Luqa, fit-tieni lok, talli fl-istess gurnata lok u hin ikkaguna hsara b’mod involontarju fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni RIT 080 proprjeta ta’ John Pace u talli saq b’mod eccessiv b’manjiera traskurata, perikoluza u kontra l-*one way*.

Issa l-akkuza l-aktar serja hija l-ewwel wahda u dan ghaliex iggib il-piena l-aktar severa f’kaz ta htija u cioe dik imsemmija fl-**artikolu 328(b)** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe piena ta’ prigunerija li ma teccedix is-sitt xhur oltre l-multa hemm imsemmija li ma teccedix l-elf lira

maltin (LM1,000) skond il-ligi meta l-konvenut kien tressaq il-Qorti.

Naturalment l-emendi li saru fil-Kodici Kriminali wara li sehh l-incident, ma japplikawx ghall-konvenut.

Issa skond l-**artikolu 688 (e)** tal-istess Kap 9, il-perjodu preskrittiv ghar-reati suggetti ghall-piena bi prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn sena, jaqghu preskritti bl-eghluq ta’ sentejn. L-akkuzi l-ohra f’kaz ta’ htija, ilkoll ghandhom piena anqas w ghalhekk zgur li l-perjodu preskrittiv huwa inqas.

Il-kaz odjern mhuwiex kaz li jittratta dwar danni risultanti minn offiza gravi fuq il-persuna, imma danni kagunati mill-konvenut minhabba s-sewqan tieghu fil-proprjeta tal-attur u cioe fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni RIT 080, proprjeta ta’ John Pace w ghalhekk zgur li ma japplikax t-terminu ta' hames snin.
Ghaldaqstant il-perjodu preskrittiv tar-reat in kwistjoni huwa dak ta’ sentejn u konsengwentement il-perjodu preskrittiv ta’ din il-kawza mill-punto di vista t’azzjoni civili, huwa l-istess u cioe dak ta’ sentejn.

Kif gie mfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Emanuel Calleja vs Anthony Portelli** deciza nhar d-disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 1971:-

“*Iz-zmien ta’ preksrizzjoni jrid jitqies b’referenza ghall-azzjoni kif bazata.”*

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pasquale Bonello vs Matteo Grech** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar d-disgha (9) ta’ Jannar 1875 fejn jinghad li l-preskrizzjoni hija eccezzjoni ghall-azzjoni “*la prescrizione e una eccezione opposta alla azione, ed e regola invariabile che il convenuta in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio che serve di fondamento alle sue eccezione – (**Chardon Del Dolo e delle Frode Vol 1 Toullier Vol. 4 para 612**)*.”

Peress illi l-preskrizzjoni hija eccezzjoni apposta ghall-azzjoni istanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni 'l quddiem huwa ghandu l-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fundament ghall-eccezzjoni tieghu. (Vide **Mario Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza nhar d-dsatax (19) ta' Novembru 1962 – Qorti tal-Appelli Sede Civili).

Issa mill-atti jirrizulta lil l-incident awtomobilistiku sehh fl-erbgha (4) ta' Novembru 2003 u l-azzjoni giet intavolata fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2005, aktar minn sentejn wara.

Pero jirrizulta mill-atti a fol. 28 li s-socjeta attrici kienet pprezentat Ittra Ufficcjali nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2005 fejn talbet lill-konvenut jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur John Pace bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku fuq imsemmi. Illi ghalkemm huwa minnu li din l-Ittra Ufficcjali ma gietx notifikata lill-konvenut, pero xorta isservi sabiex tinterompi il-preskrizzjoni.

L-**Artikolu 2128.** jipprovdi li:-

"*Prescription is also interrupted by any judicial act filed in by judicial act the name of the owner or of the creditor, served on the party against whom it is sought to prevent the running of prescription, showing clearly that the owner or creditor intends to preserve his right."*

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut m'irnexxilux jipprova ghas-sodisfazzjoni taghha li effettivament l-azzjoni odjerna hija preskritta u kwindi ghalhekk, il-Qorti tiddecidi billi ma tilqax l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------